MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Avviz Numru. 164/2006

**Public Broadcasting Services Limited**

**Vs**

**European Institute of Education Ltd**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors prezentat mis-socjeta attrici nhar il-hamsa (5) ta' Gunju 2006 fejn talbet lil Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas l-ammont komplessiv ta' elfejn, tlieta u erbghin lira Maltin u tlieta sebghin centezmu (LM2,043.73) rapprezenanti bilanc fuq somma akbar dovuta bhala drittijiet ghal servizzi ta' reklamar rezi fuq il-mezzi taghha tax-Xandir.

Bl-ispejjes ta' din il-procedura, kif ukoll dawk tal-Ittra Ufficjali datata tnax (12) ta' Dicembru 2005, u bl-interessi legali dekorribli mid-data tal-fatturi relattivi (kif jirrizultaw minn *statement* anness bhala Dok. 'A') sad-data tal-

pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li hija minn issa ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet is-segwenti:-

1. Illi fl-ewwel lok it-talba attrici hija wahda preskritta.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici hija wahda nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante hlas kif ukoll ftehim li sar mal-istess socjeta attrici kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi nhar is-sitta (6) ta' Gunju 2007 deher Dottor Chris Cardona ghan-nom tas-socjeta konvenuta w iddikjara li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minnu hija dik preskritta fl-artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili.

Illi nhar is-sitta (6) ta' Gunju 2007 xehdet **Ramona Mamo Degiovanni** prodotta mis-socjeta attrici. Spjegat illi s-socjeta konvenuta ghandha zewg *accounts* mas-socjeta attrici wiehed tat-*television* u l-iehor tar-*radio*. Ikkonfermat li fuq l-kont tar-*radio,* s-socjeta konvenuta ghandha taghti s-somma ta' seba' mija w ghoxrin lira maltin (LM720) waqt li fuq dak ta-*television*, ghandha taghti s-somma ta' elf u tlett mitt lira maltin (LM1,300). Hija esebiet *transaction history* ta' dawn iz-zewg kontijiet li gew immarkati bhala Dok. 'A' u 'B' rispettivament.

Ikkonfermat li s-socjeta attrici kienet talbet l-hlas minghand is-socjeta konvenuta u dan fix-xahar ta' Mejju 2005 kif jirizulta mid-Dok. 'F' esebit minnha, pero dan nonostante il-pagament effettiv ma sarx. Hija esebiet ukoll kopja tal-kuntratti ezistenti bejn il-partijiet li gew immarkati bhala Dok. C 1, C 2 u C 3. Esebiet ukoll *invoices* li gew immarkati bhala Dok. D 1 sa D 7, kif ukoll *run log* li huwa dokument li juri x-xoghol li jkun hareg fuq l-*airtime.* Dan gie markat bhala Dok. 'E'. Hija esebiet ukoll kopja t'ittra bonarja li kienet baghtet l-avukat konsulent

tas-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta, kif ukoll kopja mhux ufficjali ta' Ittra Ufficjali li giet pprezentata fit-tnax (12) ta' Dicembru 2005 li giet immarkata bhala Dok. 'H'.

Illi nhar is-sitta (6) ta' Gunju 2007 xehed **Antonello Cappitta** prodott mis-socjeta attrici u dan fil-kapacita tieghu ta' Managing Director tas-socjeta konvenuta. Huwa qal illi huwa qatt ma rcieva xi korrispondenza minghand is-socjeta attrici dwar xi debitu taghha. Huwa kkonferma li r-*registered office* tas-socjeta konvenuta huwa EIE Centre, Triq Sir Ugo Mifsud, Ta' Xbiex.
Rat is-sentenza moghtija fl-ismijiet premessi nhar l-erbatax (14) ta' Jannar 2008 fejn din il-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta w ordnat il-prosegwiment tal-kawza b'riserva ghal kwistjoni tal-ispejjes ghas-sentenza finali.

Illi nhar is-17 ta' April xehdet **Dr. Ramona Mamo De Giovanni** u kkonfermat li l-kuntratt esebit a fol. 26 huwa il-kuntratt li gie ffirmat bejn il-kontendenti. Qalet li 'n segwitu ghal-iffirmar ta' dan il-kuntratt, ix-xoghol miftiehem gie esegwit u l-i*spots* gew imxandra.

Illi nhar l-14 ta' Mejju 208 xehed **Joseph Bonnici** fejn ikkonferma li fiz-zmien relatat mal-kawza huwa kien jokkupa l-kariga ta Direttur tas-socjeta konvenuta. Qal li r-relazzjoni bejn iz-zewg socjetajiet bdiet meta huwa kien ha hsieb li jsir xi reklamar fuq ir-*radio*. Sussegwentement kellhom programm ta' nofs siegha fil-gimgha fuq ir-*radio*. Jghid li 'n segwitu kien gie avvicinat minn Mario Micallef li dak iz-zmien kien is-*sales manager* tal-PBS u dan kien talbu sabiex jaghmel xi reklami waqt il-loghob tac-Champions League. Innegozzjaw il-prezz bejniethom u wara ccekkjaw irreklami. Jghid li imbaghad bdew johorgu r-reklami, u huma kienu ftehmu li r-reklami kellhom johorgu fil-*half time* ta' kull partitita. Dan pero ma sehhx ghaliex ir-reklami hargu qabel il-*half time* u fil-fatt qabel ma kienet bdiet il-loghba. Spjega li ftit minn dawn ir-reklami hargu tajjeb waqt li ohrajn hargu hziena fis-sens li kienu difettusi, l-vuci ma tinstemax. Il-*clip* kellu difetti teknici. Qal li mbaghad huwa kien mar ikellem lil Mario Micallef u wara li kienu raw it-*tapes* flimkien, kienu waslu

ghal ftehim li fil-fatt is-socjeta attrici kellha tghati xi *discount* lis-socjeta konvenuta, mistoqsi kemm kellha tkun id-*discount* ix-xhud iwiegeb li jidhirlu li kienet is-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2000).

Qal li nonostante li kien ftiehem hekk ma Mario Micallef s-socjeta attrici sahansitra anke ppresentat xi mandati fil-konfront taghhom, huwa mar jkellem lil dan Mario u staqsih jekk jiftakarx id-diskussjoni li kellhom u dan Micallef kien qallu li jikkonfermah. Korrispondenza fuq din il-kwistjoni ma kellux pero jghid li anke meta kienu ftiehem li jghamlu programm fil-gimgha ma kien hemm l-ebda ftiehem bil-miktub u dan ixxandar l-istess. Jikkonferma li dwar dan il-ftehim kienu jafu Antonello rapprezentant tas-socjeta konvenuta apparti Mario Micallef u hu stess. Ikkonferma wkoll li dan Micallef kien imur ghandhom sabiex jaghmel in-negozju f'isem is-socjeta attrici.

**Antonello Capitta**, Managing Director tas-socjeta konvenuta xehed nhar l-erbatax (14) ta' Mejju 2009 fejn spjega li fiz-zmien meta kienu ghaddejja id-diskussjonijiet bejn s-Sur Bonnici u s-Sur Micallef, huwa ma kienx jokkupa din l-istess kariga ta' Managing Director, izda jghid li kien jaf bid-diskussjonijiet li kienu ghadejjin u fil-fatt jghid li jaf li kienu ftiehmu li s-socjeta konvenuta kien ser ikollha *discount* peress illi l-ftehim ma giex onorat fis-sens li r-reklami kienu hargu hazin.

Mistoqsi jek ghandux kopja ta' dawn ir-reklami jghid li m'ghandux pero jikkonferma li kien rahom ghand il-PBS flimkien mas-Sur Micallef u is-Sur Bonnici u flimkien kienu waslu ghal konkluzjoni li ma kienux hargu regolari.

**Mario Micallef** xehed nhar id-disgha (9) ta' Lulju 2009 w ikkonferma li kien ghamel zmien jahdem mas-socjeta attrici u dan fil-kariga ta' *sales consultant*. Qal li kien responsabbli ghall-biegh ta' reklamar tal-istazzjon. Xoghlu kien li jikkoordina mal-klijent u jghalaq il-kuntratt w imbaghad jghaddih lis-socjeta attrici li tiehu hsieb li taghmel il-*booking*. Mistoqsi jekk jafx is-socjeta konvenuta jghid li jafha bhala klijent tas-socjeta attrici u fil-fatt jikkonferma li kellhom xi reklamar maghha.

Jghid li jiftakar li kien hemm xi problema partikolari dwar reklamar li sar fuq it-*television* fis-sens li kienet ghamlet xi *complaints* maghhom ghaliex ir-reklamar ma kienx sar kif suppost. Jikkonferma li kien hemm zmien meta s-socjeta attrici kellha xi *technical problems* fl-operat taghha. Spjega li dak li kont taghmel fis-sistema tal-kompjuter meta taghmel il-*booking* ma kienx *interlinked network* li mbaghad jibghat il-*broadcast* u kien proprju ghalhekk li kienu jsiru zbalji mis-socjeta attrici. F'dan il-kaz ighid li r-reklamar kienu hargu f'hinijiet li ma kienux miftiehma dwarhom u li anke kien hemm xi zbalji fis-sens li r-reklamai ma dehrux sewwa.

Ikkonferma li minhabba dawn l-izbalji huwa kien beda xi negozjati mas-socjeta konvenuta sabiex jipprova jagevola lis-socjeta konvenuta, ghalkemm jghid li ma kienitx decisjoni personali tieghu.  Jghid li mbaghad id-decisjoni trid tinghata mic-*chief executive* peress illi l-ammont kien gholi.  Jghid li mbaghad kien intemm l-impieg tieghu mas-socjeta attrici.  Jghid li jiftakar li qabel ma telaq, kien hemm zgur bidu ta' ftehim bejn is-socjetajiet odjerni.

Jikkonferma wkoll li kien minnu li jekk isir xi haga hazina huwa kien jipprova jagevola lill-klijent fis-sens li taghmel tajjeb ghar-reklamar billi terga tohroh ir-reklami fil-hin li l-klijent ikun kuntent bih, taghmel ukoll li *discounting* li l-klijent ikun kuntent bih.  Mistoqsi jekk kienx ra r-reklamar hazin ighid li kien rah u kien qal lil Ray Libreri li kien *co ordinator* dwar dan izda dan ukoll ma jiehux decisjoni wahdu.

Jghid li s-socjeta konvenuta f'dan il-kaz ma xtaqitx li jerga jsir ir-reklamar izda riedet *set off* jew *discount* jew *credit note*.  Jghid li din gieli grat lil klijenti ohra basta r-raguni tkun gustifikata.  jghid li dawn ir-reklami ma kienux *up to standard* u kien rahom fil-kompjuter.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-Qorti sejra titratta biss it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u cioe li l-hlas sar permezz ta ftehim li sar mas-

socjeta attrici. Illi ghalhekk huwa biss fuq din il-kwistjoni li l-Qorti sejra tippronunzja ruhha, stante li l-ewwel eccezzjoni diga giet trattata f'sentenza ohra moghtija fl-erbatax (14) ta' Jannar 2008.

Huwa principju generali li l-konvenut, bhala debitur, ghandu l-oneru li jipprova l-pagament (ara, per ezempju, **Azzopardi vs Cutajar,** deciza minn din il-Qorti fit-tletin (30) ta' Gunju 1982), jrid juri, allura, li l-hlas wasal ghand l-attur.

Inoltre, kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Seychell noe vs Gabriele**, deciza fid-disgha w ghoxrin (29) ta' Lulju 1982, mhux biss li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah, izda, *"jekk ikun hemm xi dubbju, dak id-dubbju ghandu jigi rizolut favur l-attur"* (ara wkoll **Cassar vs Agius** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sebgha (7) ta' Lulju 1924, **Scicluna vs Scerri**, deciza mill-istess Onorabbli Qorti fid-dsatax (19) ta' Novembru 1951, u **Grech vs Nmj Ltd**, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-erbatax (14) ta' Jannar 2004).

Issa f'dan il-kaz jirrizulta li is-socjeta konvenuta kienet dahlet fi ftehim mas-socjeta attrici dwar xi reklamar li kellu jsir skond il-kuntratt esebit a fol. 27 ta' l-atti. Gara pero li dan il-ftehim ma giex onorat, fis-sens li r-reklamar ma sarx skond il-ftehim. Dan ikkonfermah kemm l-impjegat tas-socjeta konvenuta kif ukoll Mario Micallef li kien konsulent mas-socjeta attrici. Dan Micallef ikkonferma wkoll li verament kien hemm negozjati fis-sens li s-socjeta attrici kellha tikkumpensa lis-socjeta konvenuta. Qal ukoll li fil-kazijiet normali jew li jergghu jipproducu r-reklami jew li isir *set off* jew li jinghata *discount* jew li tinghata *credit note*. Huwa qal li ma setax jikkonferma x'gie miftiehem f'dan il-kaz peress illi kien ittermina l-impieg tieghu minn mas-socjeta attrici.

Il-Qorti innotat li dwar dan, l-attur ma ressaq l-ebda provi sabiex jikkontesta dak li allegat is-socjeta attrici. Joe Bonnici ghan-nom tas-socjeta konvenuta jghid li kien wasal fi ftehim mas-socjeta konvenuta li kellha taghti *discount* t' elfejn lira maltin.

Illi l-attur ma ressaq l-ebda prova sabiex jikkontesta dak li gie allegat.

Kif gie enuncjat fis-sentenza fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et** deciza fit-tmienja w ghoxrin (28) t'April 2004 li:-

"*Huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti 'n bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili.*

*Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kritrju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-*

*kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.”*

Dan ir-ragunament gie kkonfermat fis-sentenza moghtija fit-tletin (30) ta’ Marzu 2003 fl-ismijiet **George Bugeja vs Joseph Meilak** meta inghad li:-

“*Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

*Fil-fatt huwa wkoll principju assodat fil-gurisprudenza taghna illi l-verosimiljanza hija forma ta' korroborazzjoni.*”

Issa f’dan il-kaz jirrizulta ghas-sodifazzjon tal-Qorti li l-attur m’onorax il-ftehim li kellu mas-socjeta konvenuta u dan billi ma xandarx ir-reklamai kif kien miftiehem u li inoltre ma kienux ta’ kwalita tajba. Dan il-fatt ma jidhirx li hu kontestat. Illi l-unika kontestazzjoni li hemm hija jekk huwiex minnu li s-socjeta attrici qablitx li verament tat *discount* t’elfejn lira maltin lis-socjeta konvenuta.

Bir-rispett kollu s-socjeta konvenuta ressqet lil Joe Bonnici sabiex jikkonferma dan il-fatt u sa certu punt lil Mario Micallef li qal li verament kien hemm negozjati ghaddejjin u li ma ghalaqhomx hu ghax ittermina l-impieg tieghu, pero jghid ukoll li f’kazijiet bhal dawn huwa minnu li s-socjeta attrici tikkumpensa lis-socjeta danneggjata, li f’dan il-kaz hija s-socjeta konvenuta.

Ghalhekk il-Qorti m’ghandhiex ghax ma temminx lis-socjeta konvenuta li kienet waslet fi ftehim verbali li kellha tinghata *discount*.

Illi ghalhekk illum id-debitu li ghandha s-socjeta konvenuta mas-socjeta attrici huwa ta’ LM43.73 ekwivalenti ghal mija u zewg euros (€102).
**Ghaldaqstant, din il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tilqa t-tieni eccezzjoni tas-socjeta konvenuta ‘n parti u cioe limitatament ghas-somma ta’ elfejn lira maltin w ghalhekk tiddikjara li s-socjeta konvenuta llum**

**ghandha taghti lis-socjeta attrici is-somma ta' LM43.73 ekwivalenti ghal mija u zewg euros (€102) u tikkundannha thallas l-istess ammont lis-socjeta attrici.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu mis-socjeta attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------